**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 406/2021 AGV ;</u>**

**AB u CDE gja' F**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 10 ta' Settembru 2021, fejn** esponew umilment:

Illi l-esponenti zzewwgu nhar id-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), gewwa l-Katidral Metropolitan ta' San Pawl gewwa l-Imdina, certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia nhar l-ghoxrin (20) ta' ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet ma' twieldux tfal;

Illi ebda manteniment ma hu dovut bejn il-konjugi kif jindika paragrafu numru tlieta (3) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni (vide Dok. 'B');

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati sa minn Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artikolu 66B(a) jirrizulta sodisfatt;

Illi inoltre ma tezizti ebda possibilita` ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artiklu 66B(b) jirrizulta sodisfatt;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Għaldaqstant umilment u bir-rispett l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**